**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Il-11 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2013 fil-5pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Sejħa għall-Offerti dwar *Live Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali**
4. **Aġġornament dwar Attivitajiet għal Żmien il-Milied**
5. **Jum Il-Qrendi 2014**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-11-il Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2013 fil-5pm ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-7:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant |
| Ambaxxatriċi | Kimberly D'Amato |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tal-10 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 28/2013, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 28/2013 – Pool Ġdid ta' Segretarji Eżekuttivi.**

2.2 Inqrat Memo 29/2013, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 29/2013 – Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali.**

2.3 Inqrat Memo 30/2013, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 30/2013 – Korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.**

2.4 Inqrat Memo 31/2013, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 31/2013 – Identifikazzjoni ta' Binjiet fil-Lokalitajiet Biex Isir it-Tiġdid tal-Karti tal-Identita'.**

2.5 Inqrat Memo 32/2013, mibgħuta mis-Sa. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 32/2013 – Kuntratti u/jew Sejħiet għall-Offerti tal-Kunsilli Lokali dwar Skart.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Gala Concert fl-Okkażjoni tal-20 Sena Anniversarju mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lokali, bit-titlu **Case 655/13 – Kwotazzjoni – *Online Streaming* – Kunsill Lokali tal-Qrendi.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Preżentazzjoni tal-Abbozz tal-Pjan għall-Immaniġġjar tal-Iskart 2013 – 2020.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 78/2013 – Laqgħa Plenarja, is-Sibt 7 ta' Diċembru 2013 fil-Lukanda Dolmen Resort, Il-Qawra – Minuti.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 79/2013 – Reġistrazzjoni ta' Tagħlim Informali.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, Konsulent Speċjali tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 81/2013 – Ħlas tal-*Performing Right Society.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, Konsulent Speċjali tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 82/2013 – Assikurazzjoni tal-Flus 2014.**

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, Konsulent Speċjali tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 83/2013 – *Group Health Insurance Policy 2014.***

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, Konsulent Speċjali tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Taħriġ fil-Kompjuters mill-MCA.**

2.14.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li għandna napplikaw għal dan it-taħriġ.

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, bit-titlu **ANSEK – Sessjoni ta' informazzjoni dwar is-SEPA.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M125 (Second Call) Preliminary List of Results.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.16.1 Is-Sindku David Schembri qal li se nieħdu l-fondi fuq din il-Miżura sabiex isiru parti minn Sqaq il-Ħofra u parti minn Sqaq tal-Lhudija.

2.16.2 Żied li kulma fadal hi li timtela' formola tal-bank sabiex jinfetaħ kont bankarju sabiex il-fondi li se ningħataw jiġu depożitati f'dan il-kont.

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Victoria Grima mill-MEPA, bit-titlu ***Request by the KLQ for Clearing of Cactus Plants at il-Ħnejja lo Qrendi.***

2.17.1 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali diġa' tkellimna mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu sabiex jitneħħa dan il-kaktus.

2.17.2 Żied li l-MTA tkellmu mal-MEPA minħabba li ż-żona inkwistjoni hija Wied iż-Żurrieq li jagħmel parti minn Natura 2000.

2.17.3 Jidher li l-MEPA trid li dawn is-siġar jitneħħew imma fl-istess ħin irid ikun hemm *maintenance agreement* ma' min jaqlagħhom sabiex dawn is-siġar jinqerdu għax l-ewwelnett mhumiex endemiċi kif ukoll huma aljeni għall-ambjent ta' din iż-żona.

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabelle Gatt, Segretarja tal-Kumitat tal-Karnival, bit-titlu **Karnival fl-Irħula 2014.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***Bank Charges.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Kathleen Sammut, bit-titlu ***Mentoring Programme.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Julia Farrugia, bit-titlu **Stedina TV Programme.**

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Gordon Sacco, Segretarju tas-Soċjeta' Mużikali Lourdes, bit-titlu **Attivitajiet Milied – Soċjeta' Mużikali Lourdes Qrendi.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Vanessa Farrugia mill-MaltaPost, bit-titlu ***Quote.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tonio Bonello, *RTK Manager – Programmes Administration,* bit-titlu **Stedina għal Intervista.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Joseph Sultana bit-titlu ***Storm Water Relief.***

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Anthony Bezzina bit-titlu ***Estimate icw Trenching Works ifo Saracena, Qrendi.***

2.26.1 Is-Sindku reġa' spjega s-sitwazzjoni li nqalgħet fi Triq Ħaġar Qim quddiem ir-residenza 'Saracena' liema deskrizzjoni tal-każ tinsab f'Minuta 2.4.5 fil-Minuti tal-10 Laqgħa tal-Kunsill Lokali.

2.26.2 Żied li l-Perit tal-Kunsill Lokali ħadem stima tal-ispejjeż jekk tinqala' parti mill-bankina u ssir *connection* bejn *water culvert* u ieħor.

2.26.3 Qal li l-istima tal-Perit ġiet tiswa €2,098.91 u ma nistgħu nieħdu l-ebda għajnuna mill-fondi ta' Miżura 313 minħabba li ma nistgħux nibbenefikaw fuq xogħol li jsir darbtejn fuq l-istess żona.

2.26.4 Is-Sindku qal li jekk kemm-il darba l-katusi jkollhom jiddawru madwar ir-residenza 'Saracena' u jaslu sal-għelieqi ta' wara din ir-residenza jista' jkun li wara jkun hemm problemi loġistiċi.

2.26.5 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li dan ix-xogħol kif propost mis-Sindku u l-Perit tal-Kunsill Lokali għandu jsir mill-aktar fis possibli.

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jesmond Cutajar bit-titlu **Ġnien tal-Kmand.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rose Buttigieg dwar ilma li joqgħod quddiem l-Iskola Primarja.

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Andrew Mangion bit-titlu ***Waste Collection.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.30 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sa. Amy Friggieri, President tal-Kumitat Ekoskola fil-Kuleġġ San Injazju tal-Ħandaq dwar inizjattiva ta' tħawwil ta' siġar.

## 3. SEJĦA GĦALL-OFFERTI DWAR *LIVE STREAMING* TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL LOKALI

3.1 Is-Sindku David Schembri spjega kif inhi s-sitwazzjoni fil-preżent dwar is-sejħa għall-offerti dwar *live streaming*.

3.2 Qal li meta ħriġna s-sejħa, l-kwotazzjoni waħda li rċevejna kienet aktar minn €4,660 u għaldaqstant tlabna d-direzzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif għandna nipproċedu.

3.3 Żied li anke jekk jitneħħa l-*maintenance agreement* minn din il-kwotazzjoni, din xorta tkun taqbeż l-€4,660.

3.4 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali tana struzzjonijiet li nistgħu nerġgħu noħorġu s-sejħa u din id-darba tista' tkun inqas minn 30 ġurnata, kif ukoll m'aħniex se nitilfu fondi minħabba li din is-sistema ma ġietx installata sa 90 ġurnata mill-ittra ta' konferma li se ningħataw il-fondi.

## 4. AĠĠORNAMENT DWAR ATTIVITAJIET GĦAL ŻMIEN IL-MILIED

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li sibna għajnuna mingħand diversi individwi mil-lokalita' u diġa' bdew jaslu l-ħlewwiet li se jkunu qed jinbiegħu nhar il-21 ta' Diċembru.

4.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega kif is-Sibt 21 ta' Diċembru, l-attivita' **Milied għall-Providenza** se tibda mill-10am u tibqa' sejra sat-8pm.

4.1.2 Żied li barra l-ħlewwiet magħmula mir-residenti, se jkun hemm ukoll għall-bejgħ pastizzi kif ukoll pasti, te' u kafe' kif ukoll *mulled wine*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.1.3 Spjega kif bħala divertiment batejna ftit biex sibna kantanti u gruppi ta' żfin minħabba li ħsibna għalihom ftit tard u laħqu ġew ibbukjati għal avvenimenti oħra f'dawn iż-żminijiet ta' festi.

4.1.4 Qal ukoll li barra l-post nru. 60 fi Triq il-Kbira, se tittella' tinda sabiex id-divertiment ikun jista' jinżamm taħtha u qal li t-tfal tal-Iskola Primarja, wara li jkantaw madwar it-toroq tar-raħal, se jispiċċaw ikantaw taħt din it-tinda.

4.1.5 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li rnexxielu jirranġa sabiex dakinhar jinbiegħu wkoll il-ponsjetti kif ukoll se jkun qiegħed jinbiegħ il-larinġ li huwa maqtugħ mill-Ġnien tal-Kmand u l-qliegħ kollu se jmur għad-Dar tal-Providenza.

4.2 Il-Viċi-Sindku tkellem ukoll dwar il-ħarġa għal Għawdex li tinkludi fiha ż-żjara għal Bethlehem f'Għajnsielem.

4.2.1 Qal li l-private se titlaq mill-pjazza fit-8am u meta nkunu Għawdex in-nies se jkollhom ċans imorru r-Rabat, Għawdex, imbagħad il-Qala u wara għal Għajnsielem.

4.3 Tkellem ukoll dwar ħarġa li l-Kunsill Lokali jista' jorganizza għat-tfal qabel dawn jerġgħu jibdew l-iskola.

4.3.1 Semma' kif hemm il-possiblita' li lit-tfal noħduhom jew il-Play Mobil, l-Isplash & Fun inkella jaraw film.

## 5. <u>JUM IL-QRENDI 2014</u>

5.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar se jkun qiegħed jitlaqqa' s-sotto-kumitat li ġie ffurmat għal Jum il-Qrendi 2014.

5.2 Qal li se jkunu qegħdin jitħejjew linji gwida dwar Ġieħ il-Qrendi kif ukoll x'attivitajiet se jiġu mtellgħa għal dan il-jum.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

5.3 Żied li Jum il-Qrendi se jiġi ċċelebrat il-Ħadd 23 ta' Frar 2014 minħabba li huwa l-ewwel Ħadd li jaħbat wara d-19 ta' Frar.

## 6. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

6.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar iż-żona ta' Għajn ix-Xemx sabiex issir afforestazzjoni ta' din iż-żona.

6.1.1 Qal li tkellem mal-PARKS kif ukoll mal-Ministeru tal-Ambjent u 34U biex issir din l-afforestazzjoni.

6.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu l-Kunsill Lokali mas-Sur Alan Deidun dwar proġett li se jsir u se jinkludi l-gżira ta' Filfla.

6.2.1 Qal li fil-preżent aħna dħalna biss bħala *partners* sabiex nagħtu s-sapport tagħna għal din l-inizjattiva.

6.2.2 Żied li se jkun hemm applikazzjoni għall-fondi u jekk din l-applikazzjoni tintgħażel, imbagħad nidħlu bħala *partners* uffiċjali.

6.2.3 Ikkonferma li l-Kunsill Lokali mhu se jkun qiegħed joħroġ l-ebda finanzi għal dan il-għan.

6.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Ministru għat-Turiżmu Karmenu Vella fejn fiha kienu diskussi t-turiżmu u Wied iż-Żurrieq.

6.3.1 Qal li Wied iż-Żurrieq kien inkluż bħala *touristic zone* fin-*National Tourism Zones.*

6.3.2 Kompla jispjega x'se jkun ix-xogħol tan-*National Committee* fuq dawn iż-żoni turistiċi u żied li bħala Kunsill Lokali se jkollna rappreżentant fuq dna il-kumitat.

6.3.3 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* lis-Sindku David Schembri għandu

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali f'dan il-kumitat.

6.4 Is-Sindku tkellem dwar il-problema li issa ilha tkarkar snin bejn il-Kunsill Lokali u l-*Cleansing Services Department*.

6.4.1 Din il-problema hija dwar kontijiet pendenti li baqgħu ma tħallsux mill-Kunsill Lokali dwar il-knis f'Wied iż-Żurrieq.

6.4.2 Qal li bħala Kunsill Lokali kellna laqgħa mad-Direttur għall-Gvern Lokali dwar din il-kwsitjoni kif ukoll tqajmet mal-Ministru għat-Turiżmu.

6.5 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni gravi li tinsab fiha Triq is-Siġġiewi.

6.5.1 Qal li min-naħa tal-Kunsill Lokali ntbagħtet *e-mail* lil diversi entitajiet sabiex naraw minn fejn se nsibu l-għajnuna sabiex din it-triq terġa' tiġi mibnija mill-ġdid.

6.6 Is-Sindku tkellem dwar it-*totem kiosk* li se tiġi nstallata fi Triq Rokku Buhagiar.

6.6.1 Qal li dan l-apparat diġa' jinsab Malta u bħalissa qegħdin naraw il-loġistika kollha sabiex dan jitwaħħal mill-aktar fis possibli.

6.7 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi li l-Kunsill Lokali qiegħed jippjana li jakkwista minn Miżura 125 u Azzjoni 413.A5, żewġ miżuri dwar tisbieħ ta' żoni differenti.

6.7.1 Qal li hemm diversi żoni li se jiġu mnaddfa jekk kemm-il darba nieħdu l-fondi minn Azzjoni 413.A5 u l-istima fuq dan it-tindif hija dik ta' €16,000.

6.7.2 Żied li l-Kunsill Lokali diġa' ħa ħsieb li titnaddaf parti minn Triq tal-Muddejn fejn kien hemm ħafna skart goff u materjal ieħor li għandu x'jaqsam mal-kostruzzjoni li ntefa' minn nies irresponsabbli.

6.8 Is-Sindku tkellem dwar ir-Reġjun għan-Nofsinhar u qal li bħala Kunsill Lokali se nkunu qegħdin nibbenefikaw minn €500 għal-librerija lokali, fejn €250 se jmorru biex jinxtraw kotba ġodda filwaqt li €250 oħra se jmorru sabiex

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tissebbaħ il-librerija.

6.9 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni ta’ Triq Manuel Sciberras fejn fil-preżent għad hemm ħafna rdim li baqa’ ma tneħħiex meta ġie żviluppat il-grawnd tal-futbol.

6.9.1 Qal li bħala Kunsill Lokali tkellimna mal-*Cleansing Services Department* dwar dan u jidher li se jkunu qegħdin jieħdu ħsieb huma sabiex dan l-irdim jitneħħa fl-ewwel ġimgħat tas-sena d-dieħla.

6.9.2 Żied li jekk kemm-il darba din it-triq titnaddaf, imbagħad ikun imiss lill-Gvern Ċentrali li jieħu ħsieb li jibni din it-triq minħabba li sal-lum din għadha qatt ma saret.

6.10 Is-Sindku tkellem dwar l-ismijiet tat-toroq kif ukoll in-numri tar-residenzi f’dawn it-toroq.

6.10.1 Semma’ l-każijiet ta’ Triq il-Fulija kif ukoll ta’ Triq San Nikola fejn f’dawn iż-żewġ toroq hemm djar li għandhom l-istess numru u mhux l-ewwel darba li l-ittri jitqassmu ħażin.

6.10.2 Qal li min-naħa tal-Kunsill Lokali diġa’ tkellimna mad-*Door Numbering Unit* u dawn issuġġerew li jsiru diskussjonijiet mal-i*Street Naming Committee* biex forsi Triq San Nikola tinqasam f’żewġ partijiet u jkun hemm żewġ ismijiet ta’ toroq.

6.11 Is-Sindku tkellem dwar rapport li daħal fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, rapport li wasal mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u dan huwa dwar bankina li saret fi Triq San Nikola.

6.11.1 Qal li l-Kunsill Lokali kien mistoqsi jekk din il-bankina u bollard sarux min-naħa tal-Kunsill Lokali imma jidher li dawn saru min-naħa tar-resident inkwistjoni.

6.11.2 Żied li jidher li min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali jista’ jkun li jnittieħdu passi jekk din is-sitwazzjoni ma tiġiex riżolta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.12 Is-Sindku tkellem dwar il-kuntratt tal-Perit tal-Kunsill Lokali, l-Perit Anthony Bezzina.

6.12.1 Qal li kien hemm xi individwi li mid-dehra qegħdin jgħidu li l-Kunsill Lokali jrid iwaqqaf il-kuntratt tal-Perit Bezzina meta dan mhuwiex minnu.

6.12.2 Żied li jidher li kien hemm anke min irrefera għas-Sindku bħala l-persuna li ma tridx iġġedded dan il-kuntratt.

6.12.3 Ikkonferma li dan mhuwiex minnu, anzi huwa jemmen li l-Perit Anthony Bezzina huwa perit abbli ħafna f'xogħlu, tista' tafdah u fl-ebda ħin ma kien hemm xi idea li dan għandu jitwaqqaf kemm minnu u/jew mill-Kunsill Lokali.

6.12.4 Is-Sindku ppropona li l-kuntratt tal-Perit Anthony Bezzina għandu jiġi mġedded għal sena oħra minħabba li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali kien ġie deċiż li deċiżjoni fuq it-tiġdid ta' dan il-kuntratt tittieħed f'din il-laqgħa minħabba li l-Kunsillieri kollha ma kenux preżenti.

6.12.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sindku li l-kuntratt tal-Perit Anthony Bezzina għandu jiġi mġedded b'sena.

6.13 Is-Sindku semma' l-*bye law* li tirrigwarda l-attivitajiet f'Misraħ il-Maqluba.

6.13.1 Qal li waslet l-ewwel talba quddiem il-Kunsill Lokali sabiex isir riċeviment komplut ta' tieġ f'dan il-Misraħ f'Awwissu tas-sena d-dieħla.

6.13.2 Spjega kif bħala Kunsill Lokali hemm bżonn li jkunu ċċarati r-rati li koppja trid tħallas sabiex tkun tista' tagħmel riċeviment komplut ta' tieġ u li dawn għandhom jiżdiedu mar-rati eżistenti li diġa' hemm fil-*bye law*.

6.13.3 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li għandhom jibdew japplikaw ir-rati li ġejjin meta jsir riċeviment ta' tieġ inkella funzjoni oħra ta' divertiment f'forma ta' riċeviment:

i. Sa 100 persuna - €100
ii. Bejn 101 u 200 persuna - €300
iii. Aktar minn 200 persuna - €500

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.13.4 Ma’ dawn ir-rati, l-applikanti għandhom jieħdu ħsieb l-indafa tal-post wara l-attivita’, filwaqt li jitneħħa kull skart minn fuq dan il-lok.

## 7. **FINANZI**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €13,074.31c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 12/13 u €43.37c skont il-*Petty Cash* Ref Q/11.

7.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

7.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

## 8. **AĠĠORNAMENT**

8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 21 ta’ Jannar 2013 fil-5:30pm.

________________________ ________________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**